**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru, 2017**

**Rikors nru: 354/07 MLF**

**Location Malta Ltd.**

**Vs**

**Hotel Bernard Ltd. u b'digriet datat 6 ta' Frar tas-sena 2008, giet kjamata fil-kawza s-socjeta' FTK Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef seba' mija u zewg liri ta' Malta u ghaxar centezmi (Lm3,702.10), rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti, b'konsegwenza tal-inadempjenza tal-obbligazzjonijiet taghhom naxxenti minn ftehim illi kellhom mal-istess socjeta' rikorrenti, a rigward grupp turisti li alloggjaw fil-lukanda Bernard Hotel, f'San Giljan, fuq bazi "half board" bejn it-2 ta' April, 2007 u l-10 ta' April, 2007.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat it-twegiba tas-socjeta' konvenuta fejn eccepew:

(1) Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt billi s-socjeta' konvenuta tat is-servizz kontrattat mas-socjeta' attrici lill-grupp imsemmi fir-rikors u ghalhekk ma kkawzat ebda danni.
(2) Illi f'kull kaz, id-danni jridu jigu ppruvati.
(3) Salv kull eccezzjoni ohra permessa mil-ligi.

B'digriet ta' din il-Qorti datat 6 ta' Frar, 2016, giet kjamata fil-kawza s-socjeta' FTK Limited, li pprezentat ir-risposta taghha u eccepiet:-

(1) Illi in linea preliminari, illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma kellha relazzjoni ta' kwalsiasi natura mas-socjeta' attrici u illi s-socjeta' attrici m'ghandha l-ebda dritt ta' azzjoni kontra taghha. Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
(2) Illi, in linea preliminari u ghal dak li jirrigwarda unikament ir-relazzjoni guridika bejn is-socjeta' eccipjenti u s-socjeta' konvenuta Hotel Bernard Limited, ghandu jinghad li kwalsiasi *dispute* hija regolata permezz ta' ftehim datat 17 ta' Jannar, 2006 u li tali ftehim jistabilixxi li tali *dispute* ghandha tigi riferita ghall-arbitragg;
(3) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

B'digriet ta' din il-Qorti datat 23 ta' Frar, 2015, is-socjeta' konvenuta nghatat il-fakolta' li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, li giet ipprezentata fl-24 ta' Frar, 2015[1] fejn eccepiet:-

Illi l-karenza ta' interess guridiku tas-socjeta' attrici minhabba li mill-provi jidher li ma hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u dik esponenti, in kwantu illi l-obbligazzjonji tal-esponenti bhala lukandier kienet viz-a-viz il-grupp Belgjan, u li l-unika relazzjoni li kellha mas-socjeta' attrici kienet biss fis-sens li s-socjeta' attrici agixxiet ta' agent tal-ivjaggar u intermedjat bejn il-grupp u l-lukanda.

[1] Ara fol.295 tal-process.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

**Il-FATTI**

Hemm divergenzi kbira bejn il-versjoni tal-fatti tas-socjeta attrici u dik tas-socjeta konvenuta, u dik kjamata in kawza dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri. Peress li se tipproduci iz-zewg verzjonijiet, sabiex wiehed jifhem il-konsiderazzjonijiet taghha. Il-fatti huma s-segwenti:-

1. Is-socjeta' attrici hija agenzija tal-ivvjagar u kienet gabet grupp ta' zghazagh Belgjani flimkien ma' xi ghalliema taghhom, ghal vaganza hawn Malta. Dan il-grupp kien maghruf bhala "Group Dolphens." Dan il-grupp kellu jigi Malta bejn it-2 ta' April, 2007 u l-10 ta' April. 2007 u is-socjeta attrici innegozjat sabiex dawn jalloggjaw fil-lukanda Hotel Bernard, lukanda b'erba' stilel, dak iz-zmien proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, ghal sebat iljieli fuq bazi "half-board" u lejl wiehed fuq bazi "Bed and Breakfast."[2]

2. Kif jidher mill-email datata 30 ta' Marzu, 2007, mibghuta minn certu Bernard, rapprezentant tas-socjeta' attrici lil Sebastian van den Berg, Sales & Marketing Manager tas-socjeta konvenuta, il-ftehim kien li l-guvinutur kellhom joqghodu go ghaxart ikmamar *triple*, u t-tfajlijet li kellhom joqghodu go hdax-il kamra *triple* u kamra *twin.* Kien hemm ukoll ibbukkjati tlett ikmamar *single* u wahda *double* ghall-ghalliema ta' dawn l-istudenti. Il-socjeta attrici kellha tithallas commission minghand is-socjeta konvenuta. Mill-istess email jirrizulta li ma' kull ikla ta' filghaxija, l-istudenti kellhom jinghataw flixkun ilma *complimentary.* Fuq dawn il-fatti ma hemmx

[2] Ara Dokument a fol.110 tal-process.

kontestazzjoni, u dan il-ftehim hu konfermat fl-email ta' Sebastian Van Der Berg tat-2 ta' April, 2007.[3]

3. Peress li l-grupp kien ser jasal tard filghaxija, u konsegwentement kien se jitlef l-ikla ta' filghaxija, is-socjeta attrici u dik konvenuta ftehmu li l-grupp jinghatalhom "*tuna salad, a bottle of water which you agreed is to be given on a complimentary basis and a fruit.*"[4] Meta Amor Ben Tafous, Customer Relations Executive tas-socjeta' attrici kien ikkomunika mal-lukanda sabiex jikkonferma li dan l-ikel kien lest ghall-grupp, sab li kien hemm xi problemi u minflok *tuna salad* kellhom *sandwiches* u ma kienux tawhom frott, ghaliex dan l-ikel, skond ir-receptionist ma kienx tlesta u ma setghetx issib frott f'dawk il-hinijiet ta' filghaxija.

4. Jidher li l-problemi bejn dan il-grupp u s-socjeta' konvenuta bdew mal-ewwel lejl tal-wasla taghhom. Mark Ciangura, li kien General Manager tas-socjeta' konvenuta, kellu diversi ilmenti minn residenti ohrajn, stante li uhud mill-istudenti kienu baqqghu barra sal-5am u meta rritornaw il-lukanda ghamlu hafna storbju. Skond dan ix-xhud, l-ghalliema f'dawk il-hinijiet tal-lejl kienu jinstabu barra. Addiritura jghid li kien hemm xi ghaxar studenti bejn il-kmamar 305 u 404 u kienu qed jixorbu l-alkohol. Instabu xi studenti jghumu fil-pixxina fit-3.30am minghajr supervizjoni. Kien ghalhekk li fil-gurnata tat-3 ta' April, 2007, mad-9.43am, Sebastian Van Der Berg, kien diga' baghat javza lis-socjeta' attrici bil-problemi li kienu nholqu l-lejl ta' qabel, li kien qed izomm lis-socjeta attrici ghal xi eventwali danni u li jekk jircievi iktar ilmenti, kellha tinstab soluzzjoni ohra ghal dan il-grupp.[5]

5. Il-problemi komplew mat-Tlieta t-3 ta'April, 2007, ghaliex meta Amor Ben Tafous mar il-lukanda sab li s-sinjura Dolphens, li kienet it-*tour leader* kienet qed tipprova timla r-*registration cards,* izda skond dan ix-xhud, ufficjali tal-lukanda stess infurmawhom li ma kellhomx bzonn dawn ir-*registration cards.*

6. Sal-Erbgha 4 ta' April, 2007, il-problemi regghu inqalghu. Amor Ben Tafous kien prezenti ghal waqt il-kolazzjon u kien skantat li l-livell tal-ikel ma kienx dak ta'

[3] Ara fol.68-69 tal-process.
[4] Ara fol.69 tal-process.
[5] Ara Dokument MC 5a a fol. 185 tal-process.

lukanda ta' erba' stilel. Qal li l-kafe' kien tant hazin li wiehed lanqas seta' jixorbu. Kien hawn li s-sinjura Dolphens kienet ilmentat mieghu li l-ikel ma kienx ta' kwalita' tajba, u di piu' l-impjegati tal-lukanda kienu qed ikunu arroganti maghhom u sahanistra waqt l-ikla ta' filghaxija kienu qed jghaggluhom u malli wiehed minnhom iqum biex jerga' jiehu l-ikel mill-imwejjed tal-buffet, l-impjegati tar-ristorant, kienu jzarmawlhom il-mejda u jnehhulhom anke l-flixkun tal-ilma.

7. Amor Ben Tafous informa lil Sebastian Van Der Berg b'dawn l-ilmenti. Il-verzjoni ta' Tafous hija kkonfermata kemm minn Maria Grazia Vella, li hija l-Marketing Executive tas-socjeta' attrici, kif ukoll minn Alfred Spiteri, Managing Director tas-socjeta' attrici[6], kif ukoll mill-ghalliema stess, li pprezentaw dikjarazzjoni konguntiva.[7] Fl-4 ta' April, 2007, tard wara nofsinhar Mark Ciangura, informa lil Maria Vella li kien hemm xi zbalji fil-lista li l-ghalliema kienu taw lir-restaurant ta' fejn kienu gew allokati z-zghazagh, u dan kien qed jikkrea problemi lir-restaurant. Inoltre, kien hemm problema ta' komunikazzjoni fil-lingwa mal-istaff tar-restaurant. Pero allega wkoll li xi studenti ma kienux qed jorqdu fil-kmamar assenjati lilhom, imma anke jorqdu mal-art fi kmamar ohra. Huwa infurmaha ukoll li kien ipprova jaghmel arrangamenti sabiex il-grupp jiekol fir-ristorant "All Seasons" faccata tal-lukanda, izda din kienet mimlija.

   Il-verzjoni tas-socjeta' konvenuta tramite x-xhieda prodotta minnha u cioe' Mark Ciangura, il-General Manager tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll Warren Zahra, ghalkemm tikkonferma li ghamlu tentattiv sabiex jirrizervaw imwejjed ghall-ikel fir-ristorant "All Seasons," dan kien qed isir sabiex jigu evitati aktar incidenti, ghaliex l-attitudni tal-grupp kienet qed tohloq hafna dizgwid fir-ristorant, anke ma' turisti ohrajn. Dan il-fatt huwa kkonfermat permezz ta' email mibghuta mis-sur Mark Ciangura, li ghalkemm esebita ma tirriflettix data.[8] Madanakollu, ix-xhud Alfred Spiteri, Managing Director tas-socjeta' attrici, esebixxa kopja ta' din l-email mibghuta mis-sur Mark Ciangura u li ggib id-data 5 ta' April, 2007.[9]

---

[6] Ara affidavits a fol.41 u 51 tal-process.
[7] Ara Rapport a fol. 29 tal-process.
[8] Ara Dokument MC 5b a fol. 186 tal-process.
[9] Ara dokument LM 2 esebita fol. 58 tal-process.

8. Mark Ciangura, spjega li l-ewwel ilment kontra s-socjeta’ konvenuta sar meta huma bhala lukanda ma kienux accettaw xi studenti mill-grupp ghall-*breakfast* u din il-problema nqalghet minhabba konfuzjoni li holqu l-istudenti fin-numri tal-kmamar. Jghid ukoll li r-restaurant u l-catering tal-lukanda kienu f’idejn is-socjeta’ FTK Limited. Ghalhekk hu fil-kariga tieghu bhala General Manager, kull filghodu kien fid-dmir tieghu li jghaddi lir-rapprezentant tas-socjeta’ FTK Limited lista tan-nies li kienu se jiehdu l-kolazzjon. Din il-lista kienet tinkludi ukoll l-ismijiet tal-istudenti u l-kwantita’ ta’ nies fil-kamra. Ghalhekk, l-istudenti tal-grupp kienu hawdu l-kmamar, bir-rizultat li jekk kien hemm tlieta registrati f’kamra u nizlu hamsa, minflok, it-tnejn tal-ahhar gew rifjutati mill-jidhlu ghall-kolazzjon. Gara ukoll, ikompli jghid is-sur Ciangura, li sakemm ippruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni kien sar il-hin, ghax il-kolazzjoni kien jigi servut bejn is-7.00 am u l-10.00 am. Ghalhekk verament kien hemm bejn sitta u ghaxar studenti li baqghu minghajr il-kolazzjon, ghax sadanittant il-kcina kienet ghalqet.

9. Mark Ciangura jispjega li rega’ inqala’ incident iehor, ghax kien hemm wiehed mill-istudenti li kien irrabbja u kien gholla tray li kienet mimlija posati u sabbtu. Jikkonferma ukoll li kien hemm *recording* bil-cctv camera fuq dan l-incident, fejn jidher car ukoll li l-istudent kien hedded lill-impjegati b’furketta.

10. Min-naha l-ohra, Amor Ben Tafous, jghid li s-sinjura Dolphens, il-leader tal-grupp, baqghet tilmenta li ma kienux kuntenti kemm bil-kwalita’ tal-ikel servut fil-lukanda, kif ukoll minhabba s-servizz. Il-kolazzjon tant kien qed ikun hazin li sahansitra kien qed ikollhom imorru jieklu fil-kafeterija faccata tal-lukanda a spejjez taghhom u kien hemm dawk l-istudenti li ma kellhomx bizzejjed flus biex jieklu barra. Dakinhar tal-Hamis 5 ta’April, 2007, Tafous kien dam il-lukanda ghax kien wieghed lis-sinjura Dolphens li kemm hu kif ukoll Sebastian Van Der Berg ghall-lukanda kienu ser jissorveljaw l-ikla. Tafous xehed li Van der Berg baqa’ ma deherx u meta kkuntattjah, dan tal-ahhar qallu li ftit qabel kien telaq mil-lukanda. Tafous jinnega dan stante li jghid li hu kien ilu gewwa r-ristorant u fl-ebda him ma kien rah hemm.

Ftit wara li telaq kienet cemplitlu s-sinjura Dolphens minhabba incident li kien sehh dak il-hin. Qaltlu li kien hemm student li kien ried aktar hut, ghaliex kien sab id-dixx vojt. Kien hawn li l-wejter kien arroganti mieghu u qallu li ried jistenna u jekk

m'ghogbux seta' jitlaq mir-ristorant. Wara nofs siegha, l-istudent mar jistaqsi jekk il-hut kienx lest u minflok, il-wejter kien keccih mir-ristorant. Kien ghalhekk li wahda mill-ghalliema, kellha tiehu lil dan l-istudent jiekol gewwa ristorant iehor u dan sabiex jigu evitati aktar incidenti simili.

11. Il-Gimgha 6 ta' April, 2007, is-sinjura Dolphens kienet wissiet lil Amor Ben Taffous li s-sitwazzjoni kienet saret intolerabbli u li kienet ser izomm is-socjeta' attrici u l-agenti taghna gewwa l-Belgju responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-membri tal-grupp taghha. Dawn il-fatti gew ikkonfermati kemm minn Alfred Spiteri, il-Managing Director tas-socjeta' attrici, kif ukoll minn Maria Grazia Vella, is-segretarja tieghu.

12. Kien ghalhekk li Alfred Spiteri beda jaghmel hiltu sabiex isib ristorant alternattiv li seta' jakkomoda lill-grupp shih. Peress li kien il-weekend tal-Ghid, kien ferm difficli li jsib alternattiva u servizzi ta' lukanda ta' erba' stilel. Fl-ahhar ircieva konferma minghand il-lukanda Intercontinental, li setghu jakkomodaw il-grupp ghall-kolazzjon bir-rata ta' *Lm5 per person, per meal*, kif ukoll ghall-ikla ta' filghaxija bir-rata ta' *Lm10 per person per meal.*[10] Wara li nghata din il-konferma Alfred Spiteri dakinhar stess ghall-habta tal-11.11am kien baghat email lil Mark Ciangura, fejn infurmah b'dak li kien ser jigri, kif ukoll li peress li kien ser ikollhom jidhlu fi spejjez addizzjonali, kien qed izomm is-socjeta' attrici responsabbli ghad-danni minhabba l-agir taghhom.[11]

13. Ghall-email ta' Alfred Spiteri, Mark Ciangura kien irrisponda ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar.[12] Irrisponda li l-kontenut tal-email mibghuta mis-sur Alfred Spiteri kien inaccettabbli.

14. In segwitu ghall-emails mibghuta minn Mark Ciangura, Alfred Spiteri kien cempillu sabiex jara jekk kienx hemm zviluppi. Ciangura nsista li ma seta' jaghmel xejn u ried il-pagament peress li f'dan il-kaz ma kienux hadu *down payment,* kif kienet il-prassi. Is-socjeta' attrici kienet disposta li thallas, pero' kienet qed tirrizerva d-dritt taghha li

---

[10] Ara Dokument LM4 a fol.60 tal-process.
[11] Ara Dokument LM3 a fol. 59 tal-process.
[12] Ara Dokument LM5 a fol. 61 tal-process.

zzomm lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghall-ispejjes ulterjuri li kellhom jidhlu fihom minhabba n-nuqqasijiet.

Mill-provi jirrizulta li minn dan il-punt ir-relazzjonijiet iddegeneraw kompletament. Mark Ciangura, in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta beda jhedded lil Alfred Spiteri, ghas-socjeta’ attrici li jekk sa filghaxija ma jhallasx l-ammont li kien dovut lill-lukanda, kien ser jitfa’ l-istudenti kollha barra mill-kmamar taghhom mal-wasla taghhom minn Ghawdex – ghax dak in-nhar kienu marru gurnata Ghawdex.

15. Alfred Spiteri irrefera l-kaz lil Frank Farrugia, direttur tal-Malta Tourism Authority, li intervjena fil-kwistjoni u beda jikkomunika ma' Mark Ciangura biex tinstab soluzzjoni.

16. Sadanittant, Spiteri informa lil Ciangura li kien dispost jhallihom jieklu fil-lukanda, pero' jekk kemm il-darba kien ser ikun hemm problema kienet ser tkun responsabbilita' tal-lukanda. Fil-fatt, jirrizulta li Spiteri kkancella l-ordni li kien ghamel mal-Hotel Intercontinental ghall-kolazzjon u l-ikla ta' filghaxija, minn dakinhar u cioe' s-7 ta' April 2007 sal-ghada.[13]

17. Alfred Spiteri talab lil Ciangura jibghatlu l-invoice tal-ammont li kellu jhallas, qabel ma kien ser imur jiltaqa' mieghu u ma' Warren Zahra ghall-habta tas-6 pm.[14] Mill-invoice, induna li s-socjeta konvenuta ma kienitx naqset il-commission dovuta lis-socjeta' attrici u li l-akkomodazzjoni ta' tlett ghalliema, li skond il-ftehim kienet fuq bazi komplimentari, kienet inkluza fil-kont. Jghid ukoll li kien gie inkluz is-supplement tal-ikla ta' filghaxija tad-9 ta' April, 2007, minkejja dak li kien gie kkonfermat fl-email tat-30 ta' Marzu, 2007, illi dan il-grupp kien ibbukjat fuq bazi ta' *bed and breakfast g*hal ahhar gurnata, peress li f’din il-gurnata l-grupp kien se jitlaq qabel jilhaq jiekol fil-ghaxija.[15]

18. Il-grupp lahaq wasal lura minn Ghawdex, qabel lahaq wasal Alfred Spiteri fil-lukanda Bernard, u Warren Zahra, direttur tas-socjeta konvenuta, ma hallihomx jidhlu fil-

---

[13] Ara Dokument LM 8 esebit a fol. 65 tal-process.
[14] Ara Dokument 10 a fol.67.
[15] Ara Dokument LM11 a fol.68 tal-process.

kmamar taghhom. Meta Alfred Spiteri wasal il-lukanda kien sab l-istudenti kollha migbura fuq il-bankina faccata tal-lukanda. Sar jaf ukoll li kien hemm xi studenti li kellhom bzonn jidhlu fil-kmamar, ghax kienu ma jifilhux u kellhom l-medicini gewwa.

19. M'hemmx kontestazzjoni, li ghalkemm kien normali li s-socjeta' attrici thallas is-socjeta' konvenuta b'cekk, dakinhar, Warren Zahra rrifjuta pagament b'dan il-mod. Lanqas m'accetta pagament permezz tal-Visa personali ta' Alfred Spiteri. Wara li gie kkuntattjat Frank Farrugia, direttur tal-Malta Tourism Authority, sar rapport lill-Pulizija, li marru fuq il-post biex jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Wara hafna battibekki, Warren Zahra accetta c-cekk ta' Alfred Spiteri, bil-kundizzjoni li jiffirma ittra bhala garanzija li c-cekk kien jissarraf.

20. Wara li l-istudenti thallew jidhlu fil-kmamar, ftit wara sabu li r-ristorant kien maghluq u ma setghux jieklu u ghalhekk skond Alfred Spiteri, l-istudenti kellhom jergghu johorgu jieklu a spejjez taghhom.

21. Wiehed mill-genituri tal-istudenti kien ghamel rapport mal-Ambaxxata Belgjana, u ghalhekk gie involut ukoll l-Ambaxxatur Belgjan.

22. Minhabba dawn l-incidenti u l-inkonvenjenzi, Albert Spiteri, ried jikkumpensa lill-ghalliema u l-istudenti u ghalhekk offrilhom gurnata eskursjoni b'xejn, inkluza l-ikel ta' nofsinhar il-Costa Del Sol, il-Mellieha u filghaxija Henry J. Beans, San Giljan. Kien ukoll ghamel arrangjamenti sabiex il-membri kollha tal-grupp iqattghu gurnata "Splash & Fun" f'Bahar ic -Caghaq u kienu marru ghall-gurnata fl-10 ta' April, 2007.

23. Frank Farrugia baghat lill-ispetturi tal-Awtorita jaghmlu spezzjoni fil-lukanda Bernard. Pero meta marru l-ispetturi ma kienux inzertaw il-buffet qed jigi servut. Minn dan ir-rapport irrizulta li wara li raw filmat CCTV recording, setghu jaraw kif student qala' l-inkwiet meta sabbat *cutlery* dish li kien fuq il-mejda tal-buffet, pero dan l-istudent gie minnufih mahrug il-barra mir-restaurant mill-group leaders. L-ispetturi osservaw ukoll li mir-recording kien jidher li kien hemm hames dixxijiet servuti bl-ikel shun, kif ukoll seta' jigi kkonfermat li meta kien jispicca xi oggett tal-

ikel, mill-ewwel kien jigi sostitwit. Kien jidher pero', skond dawn l-ispetturi li kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-lukanda fir-rigward tal-kmamar tal-istudenti[16].

24. Fil-proceduri odjerni, is-socjeta' attrici qed titlob ir-rifuzjoni tad-danni li sofriet minhabba l-allegata inadempjenza kontrattwali tas-socjeta' konvenuta. Skont ix-xhieda ta' Alfred Spiteri, d-danni pretizi jammontaw ghas-somma ta' €8,859.60, konsistenti fis-segwenti :-

A. Ikel - €4,845.08[17]
B. Trasport - €549.73[18]
C. Splash & Fun - €1010.13[19]
D. Telefonati - €133.65 [20]
E. Overtime - €863.94 dok lm14 fol. 107-109[21]
F. Spejjez ohra - €121.55
G. Commission dovuta lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta - € 1335.52

Pero il-Qorti tosserva illi t-total fuq imsemmi jeccedi l-ammont tat-talba pretiza fl-avviz promotur stante li l-ammont ta' Lm3702.10 konvertit f'Euro jammonta ghal € 8623.57.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Eccezzjoni Preliminari tas-socjeta konvenuta – Nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta*

Fl-ahhar stadju tal-kawza, is-socjeta' konvenuta – bil-permess ta' din il-Qorti - qajjmet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku bejnha u bejn is-socjeta' attrici.

---

[16] Ara Dokument esebit a fol.146 tal-process.
[17] Ara Dokument esebit a fol.146 tal-process.
[18] Ara Dokument LM14 a fol. 82-85 tal-process.

[19] Ara Dokument Lm14 a fol. 82-85 tal-process.

[20] Ara Dokument LM14 a fol. 82-85 tal-process.

[21] Ara Dokument LM.14 a fol. 82-85 tal-process.

Is-socjeta' konvenuta qed tissottometti li meta s-socjeta' attrici bbukkjat ghall-grupp Belgjan, kienet qed tagixxi bhala agent tal-ivvjaggar ossija tour operator u kienet qed taghmilha biss ta' intermedjarja bejn il-grupp Dolphens u l-lukanda Bernard, u ghalhekk ma setghetx tistitwixxi din l-azzjoni f'isimha propju. Min-naha l-ohra, s-socjeta' attrici tissottometti li bhala travel agency, kienet hi li hadet hsieb l-akkomodazzjoni ta' package ghal sebat iljieli ghall-grupp Belgjan fuq half-board basis, u kienet ukoll agent ta' agenzija tal-ivvjagar Belgjan Develop Travel Belgium, li tramite taghha sar il-booking tal-grupp.

Mill-provi prodotti, m'hemmx dubbju li bejn dawn iz-zewg kontendenti kien hemm kuntratt, fejn is-socjeta attrici innegozjat pakkett mas-socjeta' konvenuta ghal sebat iljieli fuq bazi half-board u lejl fuq bazi bed and breakfast ghal grupp Belgjan. Huwa minnu li s-servizz inghata direttament lil grupp Belgjan u s-socjeta attrici kellha tithallas a bazi ta' *commission,* izda s-socjeta attrici kienet responsabbli versu l-klijenti taghha, li l-pakkett li nnegozjat mas-socjeta konvenuta jigi ezegwit. Tant hu hekk, li jirrizulta mill-provi li s-socjeta attrici kienet qed tiehu hsieb kollox hi u dejjem kienet il-prassi ma' l-istess lukanda u ma' lukandi ohra li jkollha rapprezentant sabiex tiehu hsieb l-interess tal-klijenti mill-mument li jaslu sal-mument li jitilqu.

Fil fatt, Amor Ben Tanfous, Customers Relations Executive tas-socjeta' attrici jiddeskrivi xogholu bhala *"I am responsible of the handling of clients upon their arrival in Malta until the time of their departure. I am responsible to ensure that our clients receive a good service from the company and from all our sub-contractors. Part of my duty is to deal with any complaints the clients might have during their stay."* [22]

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici kellha tiehu hsieb li taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet li fil-fehma taghha ghamlet is-socjeta' konvenuta fil-konfront tal-grupp Belgjan li s-socjeta' attrici kienet gabet f'Malta. Jekk is-socjeta attrici soffriet danni biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet li qed tallega ikkommetiet is-socjeta konvenuta, hi ghandha kull interess li tigi rifuza ghal dawn id-danni. Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta, li l-pretensjoni tas-socjeta attrici hija wahda ipotetika ghax ma tistghax tippretendi li tigi rifuza l-

[22] Ara fol. 14 tal-process.

flus li hi nefqet biex zzomm kuntenti lill-grupp Belgjan, imma kellha se mai tistenna l-ezitu ta' kwalunkwe azzjoni li l-grupp Belgjan seta' ha kontra taghha. Il-cirkostanzi kollha kif sehhew juru bic-car li l-leader tal-grupp Belgjan kienet qed izzomm lis-socjeta konvenuta responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet tas-socjeta konvenuta, u s-socjeta attrici kellha mhux biss interess, imma obbligu, li timminimizza d-danni kontriha (ara Artikolu 999(2) tal-Kodici Civili) u ssalva l-goodwill tal-klijenti taghha billi tikkompensahom b'servizzi ohra ghall-allegati nuqqasijiet tas-socjeta konventa, u dan sabiex izommhom kuntenti, u ma jiehdux passi civili kontriha.

Inoltre, ma hemmx dubbju, li s-socjeta attrici ghandha interess li tistitwixxi proceduri biex tithallas l-commission pattwita mas-socjeta konvenuta, li s-socjeta attrici qed tallega li ma thallsitx.

Pero din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' attrici li t-talbiet taghha huma bbazati fuq ir-Regolamenti Dwar Pakkett tal-Ivvjaggar, Pakkett Vaganzi u Pakkett ta' Tours (Legislazzjoni Sussidjarja 409.01), peress li dawn ir-Regolamenti, kif issottomettiet is-socjeta' konvenuta, jikkontemplaw pakketti, jigifieri package tours, mibjughin jew offruti ghall-bejgh f' Malta, jigifieri operatur Malti, minn Malta jbiegh lil xi hadd go Malta package tour x'imkien iehor.

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta qed tigi michuda.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari tas-Socjeta Kjamata in kawza – Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika mas-Socjeta Attrici</u>*

Franco Sammut, Managing Director tas-socjeta' kjamata fil-kawza, xehed li huma contractors tal-ikel ghal-lukanda Hotel Bernard u kienu jiehdu hsieb ir-ristorant.[23] Jghid li kien sar ftehim fis-sena 2006 mas-socjeta' konvenuta, izda din il-Qorti tinnota li fl-ebda stadju tal-provi ma gie ezebit dan il-ftehim, u hu obbligu tas-socjeta' konvenuta tipproduci dan il-ftehim, iktar u iktar, meta fil-kaz odjern il-maggorparti tal-ilmenti, kienu fuq l-ikel u s-servizz tar-ristorant.

[23] Ara fol.242 tal-process.

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici ikkonkludiet il-ftehim mas-socjeta konvenuta, u fl-ebda hin, qabel inholqu il-problemi, ma kienet taf li r-ristorant kien gestit mis-socjeta' FTK Limited. Fil-fatt, mill-provi jirrizultaw li s-socjeta attrici dejjem innegozjat direttament mas-socjeta' konvenuta u jekk kien hemm xi ilmenti, kienu dejjem saru mal-management tas-socjeta' konvenuta, u mhux mas-socjeta' kjamata fil-kawza. Is-socjeta' attrici lanqas biss semmiet jew ghamlet referenza ghas-socjeta' kjamata fil-kawza.

Fis-sentenza **Zammit & Cachia Limited vs Hix Limited** deciza fis-17 ta' Frar 2003, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[24] irriteniet hekk:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti anke jekk is-socjeta' konvenuta appellant ezegwiet l-inkarigu tramite s-servizzi ta' socjeta' ohra estera li taghha setghet ukoll kienet l-agent hu assodat illi r-relazzjoni kontrattwali bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' appellant kienet naxxenti mill-ftehim ta' bejniethom. Tinsisti kemm tinsisti s-socjeta' appellant illi hi ma kinitx responsabbli ghad-danni reklamati ghax dak li gara kien htija tas-socjeta' estera bla ebda mod dan l-argument ma jissufragaha…*

*F'cirkostanzi konsimili d-danni minhabba l-inadempjenza kontrattwali ghandhom naturalment ikunu relatati ma' din l-inadempjenza u konsegwenzjali ghaliha."*

Fid-dawl tas-suespost, din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta kjamata in kawza ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ikun inutili li din il-Qorti tinoltra ruhha fl-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta' kjamata fil-kawza.

*<u>Il-Meritu</u>*

Din il-kawza hija wahda ta' allegati danni naxxenti minn responsabbilita' *ex contractu*. Is-socjeta' konvenuta tinsisti li tat s-servizzi li kellha taghti bhala lukanda ta' erba' stilel lill-group Belgjan, kif pattwit fil-ftehim li kellha mas-socjeta attrici.

[24] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Mill-ewwel gurnata jidher li kien hemm xi intoppi u dan minhabba li kien hemm xi studenti li biddlu l-kmamar u b'hekk irrizulta li ma kienux registrati u per konsegwenza, meta nizzlu ghal breakfast kien hemm bejn sitta u ghaxar studenti li ma thallewx jidhlu, minhabba t-tahwid li kien inholoq. Il-partijiet jaqblu illi kien hemm dan id-dizgwid u ppruvaw jirrangaw l-affarijiet u fil-fatt ma jidhirx li kien hemm aktar problemi ta' dan it-tip. Fil-fatt, Mark Ciangura, Manager tal-lukanda jispjega illi *"F'dik il-gurnata fil-fatt konna mxejna tajjeb."*[25]

Kien hemm diversi lmenti ohra mill-ghalliema u l-istudenti dwar l-ikel u li ma kienx qed ikun ta' livell mistenni minn lukanda erba' stilel, kif ukoll dwar l-arroganza tal-impjegati tar-ristorant. Amor Ben Tanfous, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici kien nizel il-lukanda biex jara l-istandard tal-ikel, meta kienu rcevew l-ilmenti. Jghid li meta mar biex jaghmel il-verifiki tieghu sab li l-varjazzjoni tal-ikel kien limitat hafna - *" To my dismay I found that there was a very limited choice which consisted of 2 types of ham, jam, butter, a couple of small cartons of cold milk, 4 small dishes with scrambled eggs, sausages and hard boiled eggs. Coffee was made available from a dispenser, but upon trying the coffee I found the taste to be awkward and that it was not fit for consumption."* [26]

Il-grupp zgur ma kienx sodisfatt bl-ikel u bl-atteggament tal-istaff tar-restaurant, tant li anke s-socjeta' konvenuta ippruvat taghmel arrangjamenti biex jieklu f'ristorant iehor, minkejja li tghid li dan kollu minhabba li l-istudenti kienu qed joholqu hafna problemi fir-ristorant u b'hekk riedet tevita aktar dizgwid.

Huwa veru li s-socjeta attrici ma gabietx provi konkreti li l-ikel kemm ta' filghodu kif ukoll ta' filghaxija kien hazin, hlief ghall-ilmenti tal-grupp u Amor Ben Tanfous li kkritika l-kafe'. Pero il-grupp Belgjan kien jikkonsisti minn circa 70 studenti u tlett ghalliema. Ma hux verosimili li dawn kellhom xi interess li jikkritikaw l-ikel tal-lukanda, u b'hekk jikkreaw inkonvenjent ghalihom ghaliex iridu jsibu post iehor fejn jieklu u jonfqu iktar flus, u jahlu hafna hin f'ilmenti, telefonati u laqghat mas-socjeta attrici. Skond ix-xhieda mhix kontradetta tas-socjeta attrici, din ma kienitx l-ewwel darba li dawn it-tlett group leaders organizzaw zjarat ghal Malta, u dan ifisser li dejjem hargu sodisfatti, ghax kieku ma kienux jergghu jigu.

---

[25] Ara fol, 169 tal-process.

[26] Ara fol. 15 tal-process.

Inoltre, gie kritikat ukoll l-atteggament aggressiv li l-istaff tar-restaurant kellhom ma' dawn l-istudenti. Jidher li wahda mill-problemi principali kienet dik tal-komunikazzjoni, stante li hadd mill-group ma kien jaf jitkellem bl-Ingliz, u hadd mir-restaurant jew lukanda ma kien jaf jitkellem bil-Franciz. Il-Qorti tista' wkoll tissimpatizza li l-istaff tar-restaurant sabuha difficli li jikkopjaw ma' 70 student, li mhux necessarjament kollha jkunu edukati, u li bla dubbju kienu jaghmlu storbju konsiderevoli fir-restaurant u jdejqu lir-residenti l-ohra, u anke lil terzi li setghu dahhlu biex jieklu fir-restaurant. Pero, dan ma jiggustifikax l-agir aggressiv tal-istaff ma l-istudenti, u li jitrattawhom ta' kaf kaf biex ifittxu jitlqu l-barra. Huwa veru li f'servizz ta' buffet, xoghol il-wejter hu li jnehhi l-platti vojta, pero mhux xogholu li jnehhi wkoll it-tazzi jew flixken tax-xorb, qabel ma jassigura li l-klijent ikun spicca jiekol, u ma marx igib platt ikel iehor.

It-tensjoni kompliet tizdied wara li student sabbat tray wara li l-impjegati gharrfuh li kellu jistenna ghal aktar hut. Hemm verzjonijiet kontrastanti dwar x'gara wara. Is-socjeta' attrici tinsisti li l-impjegati kienu arroganti mieghu, tant li talbuh jitlaq mir-ristorant, filwaqt li s-socjeta' konvenuta stqarru li dan l-istudent kien hedded l-impjegati b'furketta u kienu konsegwentement kellmu lill-ghalliema li ma kienux ser ihallu lil dan l-istudent jidhol aktar. Pero mis-CCTV footage li raw l-ispetturi tal-Malta Tourism Authority, juru li appena sabbat it-tray, l-istudent ittiehded il-barra mir-restaurant, mill-group leaders stess.

Minhabba l-insistenzi tas-sinjura Dolphens, li l-grupp taghha ma riedx ikompli jiekol fil-lukanda, is-socjeta' attrici riedet tara li l-klijenti taghha kienu ser johorgu sodisfatti b'dan il-vjagg u hasset li kellha taghmel hilitha sabiex issib post alternattiv fejn jieklu. Alfred Spiteri, managing director kien lahaq ftehim mal-lukanda Intercontinental sabiex il-grupp jiehu l-kolazzjon hemm, kif ukoll l-ikla ta' filghaxija ghaz-zmien li kien fadal. Fil-fatt, il-grupp kiel hemmhekk filghaxija l-Gimgha 6 ta' April, 2007 u l-kolazzjon l-ghadha filghodu.

S'intendi dan l-arrangjament ma nizilx tajjeb mas-socjeta' konvenuta, li jidher ukoll li ma tantx kienet kuntenta bil-grupp, peress li allegat li kienu qed jaghmlu storbju, tant li kellhom ilmenti minn residenti ohra. Pero jekk dan kien veru, is-socjeta konvenuta kellha rimedji ohra taht il-ligi, u mhux taghmel dak li diga intqal iktar il-fuq.

Is-socjeta konvenuta hadet vantagg minn gurnata fejn il-grupp mar gurnata Ghawdex, u heddedt lis-socjeta' attrici li jekk ma kinitx ser thallas immedjatament dak li kien dovut lejha kienet ser timpedixxi lill-istudenti u l-ghalliema taghhom milli jidhlu f'kamarthom. Hekk gara fil-fatt, ghaliex Alfred Spiteri sab il-grupp kollu barra l-hotel wara li l-grupp wasal minn Ghawdex. Dan meta Alfred Spiteri, ghas-socjeta attrici, kien mill-ewwel assigura lis-socjeta konvenuta, li kien gej biex ihallas dik il-lejla stess, pero is-socjeta attrici rrizervat id-drittijiet taghha ghal dan l-agir deplerevoli da parti tas-socjeta' konvenuta, kif kellha kull dritt li taghmel.

Warren Zahra, direttur tas-socjeta' konvenuta, iggustifika dan l-agir hekk:-

*" I felt therefore that our position in regard to this case was being compromised, in regard to the attitude taken by the clients, that is the students in this case. I felt that what was raised by these students was the source of this problem and I felt however that the email was placing the blame on us, that is the company represented by me. ....in this case I foresaw that the agents involved are going to make claim against us and this would be the source of the compromise in connection to our position."* [27]

Dan zgur mhux agir gustifikabbli da parti tas-socjeta' konvenuta, aktar u aktar meta gia' kienet tezisti relazzjoni minn qabel bejn dawn iz-zewg socjetajiet fil-kawza u kienet prassi bejniethom li s-socjeta' attrici thallas depozitu, imbaghad il-kumplament jithallas wara li jitilqu t-turisti. Gieli kien hemm hlasijiet da parti tas-socjeta attrici permezz ta' cekkijiet u ma kienx hemm problemi. Pero, dak in-nhar, Warren Zahra iddecieda li ma jaccettax li is-socjeta thallas permezz ta’ cekk, ghax beza’ li wara s-socjeta attrici titlob lill-bank jaghmel stop payment. Biex izomm il-kalma, Alfred Spiteri accetta li jiffirma l-ittra li abbozza Warren Zahra bhala garanti tal-pagament tas-socjeta. Fil-fatt ic-cekk kien ghal ammont ta’ tlett elef seba’ mija u sittax-il lira Maltin (Lm3716).[28]

Dan l-agir tas-socjeta' konvenuta kien wiehed certament irragonevoli u ezagerat. Kien ghalhekk li kellhom jintervjenu l-pulizija fuq rapport ta’ Alfred Spiteri[29], kif ukoll l-Ambaxxatur Belgjan, u Frank Farrugia direttur tal-Malta Tourism Authority. Dan tal-ahhar

[27] Ara fol. 188 tal-process.

[28] Ara Dokument LM13 a fol.71 tal-process.
[29] Ara fol.157 tal-process.

kien ikkomunika ma' Anthony Zahra, propjetarju u licensee tal-lukanda Bernard u kkritika l-agir tal-lukanda u kien wissihom li jekk kienu ser ikomplu b'dan it-tip ta' agir kien hemm il-possibilita' li tigi revokata l-licenzja taghhom: *"Jien dak il-hin ikkummentajtlu li dan mhuwiex agir ta' bniedem li qed imexxi lukanda, fil-fatt ghidtlu li jekk l-agir ser jibqa' hekk, da parti tal-lukanda, il-licenzja kienet ser tigi revokata, anzi setghet tigi revokata."*[30]

Mill-provi jirrizulta li l-istudenti kienu nghataw il-kamra ghal habta tat-8.00 pm [31] u ftit wara ghall-habta tad-9.00 pm/9.30pm kienu nizlu ghall-ikel u sabu li l-access ghar-ristorant mil-lukanda kien maghluq. Mill-provi jirrizulta li dan ir-ristorant kien miftuh ghall-pubbliku ukoll billi offra biss servizz a la carte. Franco Sammut, in rapprezentanza tas-socjeta' FTK Limited, is-socjeta' kjamata fil-kawza, jispjega illi kienet regola li l-buffet jaghlaq ghall-habta tat-8.30 pm[32]. Pero', anke jekk din kienet il-prassi tar-restaurant kuljum u l-grupp missu kien jaf b'dan, fic-cirkostanzi tal-kaz in partikolari, certament il-grupp ma kellux kont imur jiekol, meta kienu ghadhom barra minn kamarthom sat-8 pm u ma kienux jafu x'kien ser jigri minnhom – dan wara li kienu qattghu gurnata Ghawdex. L-ahhar haga li stennew kienet li wara li damu sieghat jistennew biex jidhlu f'kamrithom u jiffriskaw ftit ruhhom, jinzlu biex jieklu u jsibu ir-restaurant maghluq. Amor Ben Tanfous jikkumenta fix-xhieda tieghu, li meta tkellem ma' Sebastian Van Der Berg, Sales and Marketing Manager tas-socjeta' *"he sounded surprised and he told me that he would be speaking to the restaurant manager. At that time the students started coming down for dinner. The restaurant manager was in the lobby and he was arguing with the students, together with Mr.Zahra and Sebastian. It was all too clear that the hotel management had no control whatsoever over the restaurant. Sebastian then told me that they could only let the group in table by table and that they would have to eat quickly and there was no other choice!"*[33] Ovvjament dan it-trattament ma kienx accettabbli ghal grupp, aktar u aktar meta get jalloggaw f'lukanda b'erba' stilel.

Kien kawza ta' l-ilmenti dwar l-ikel u dan l-agir prepontenti tas-socjeta' konvenuta, li l-leader tal-grupp zammet lis-socjeta attrici responsabbli ghad-danni. Kien ghal din ir-raguni, li s-socjeta attrici hasset il-htiega li tikkumpensa minn butha lill-grupp b'diversi ikliet u attivitajiet, sabiex jikkalma r-rabja tal-grupp, jinsew dawn l-esperjenzi xejn sbieh - li lanqas wiehed jippretendihom fil-kamp turistiku Malti - u jitlaq minn Malta b'memorji sbieh.

---

[30] Ara fol.141 tal-process.
[31] Ara fol. 20 tal-process.
[32] Ara fol.252 tal-process.
[33] Ara fol.21 tal-process.

Ghaldaqstant, l-ammont ta' danni pretizi huma konsegwenza diretta tan-nuqqas tas-socjeta konvenuta li tonera l-obbligi kontrattwali taghha, apparti li ammont sostanzjali minnhom jirrappreztaw il-*commission* dovuta lis-socjeta attrici. Is-socjeta attrici tilmenta li l-infiq fl-ikel kien esagerat ghax is-socjeta attrici hadithom jieklu f'hotel b'hames stilel. Apparti l-fatt li s-socjeta attrici kienet qed tipprova tikkompensa lill-grupp ghan-nuqqasijiet tas-socjeta konvenuta, wiehed ma jridx jinsa li kienet il-gimgha tal-Ghid il-Kbir, u lanqas is-socjeta konvenuta stess ma rnexxielha ssib restaurant biex jakkomoda lill-group kollu ghax ir-restaurants kollha kienu ibbukjati. Tilmenta wkoll li fl-ikla minnhom, ittiehdu tlett liquers.[34] Dawn it-tlett liquers, kif wiehed jista' jara mill-kont relattiv jammontaw komplessivament ghas-somma fenominali ta' Lm2.70, ekwivalenti ghal €6.28 – fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tikkummenta iktar, fuq dan l-ilment.

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta attrici hija gustifikata, pero l-ammont tad-danni se jigi limitat ghal dak pretiz fl-avviz promotur, u mhux ghall-ammont pretiz ix-xhieda ta' Alfred Spiteri.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Hotel Bernard Limited tal-karenza ta' interess guridiku, sollevata mis-socjeta konvenuta;

2. Tilqa' l-ewwel eccezjoni tas-socjeta kjamata in kawza FTK Limited tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, u ghaldaqstant qed tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmint elef, sitt mija u tlieta u ghoxrin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€8623.57) – ekwivalenti ghal tlett elef seba' mija u zewg Liri Maltija u ghaxar centezmi

[34] Ara fol. 33 tal-process.

(Lm3,702.10) – ** (ara nota isfel) bl-ispejjez legali sad-data tal-pagament effettiv, u b'rizerva ghal kwalunkwe dritt spettanti lilha *si et quatenus* kontra s-socjeta kjamata in kawza.

L-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

** B'Digriet moghti kameralment fid-9.5.18, fil-parti decizorja tas-sentenza, il-frazi:
'bl-ispejjez legali sad-data tal-pagament effettiv' giet sostitwita bil-frazi:
'bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv'.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**